MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2015

Avviz Numru. 178/2007

**Avukat Edward Debono bhala mandatarju tas-socjeta' estera assenti Easy Logistics APS**

**vs**

**Jet Services Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm2819.96c ekwivalenti ghal Euros 6568.74 oltre l-imghax legali mit-28 ta' Marzu 2006 u dan skont invoice numri 25734, 25735, 25736 u 27004 u dan ta' oggetti lilha mibjugha u kkonsenjata fl-24 ta' Mejju, 2003 mibghuta lilha minn Hamburg, il-Germanja.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2007 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta Jet Services Limited fejn eccepiet:

Illi l-ewwelnett l-intimati ma gewx notifikati fl-indirizz ufficjali taghhom;

Illi l-attur irid igib prova tal-mandat tieghu;

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra, l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda preskritta ai termini tal-Artikolu 544(a) tal-Kapitolu 13;

Illi l-kumpanija Jet Services Limited m'ghandha taghti l-ebda bilanc lil Easy Logistics APS u dan stante li kull pendenza bejn il-partijiet ilha zmien li giet rizolta.

Illi r-rikorrenti kienu konsenjaw il-merkanzija ghand l-intimat b'mod tardiv u kawza ta' dan il-klijent ta' l-intimati sofra danni; illi kien hemm merkanzija ohra li kienet wasslet bi hsara fejn l-istess klijent ta' l-intimati rrifjuta li jhallas ghas-servizz ta' nol;

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat illi b'sentenza parzjali tat-2 ta' Mejju 2011 dina l-Qorti osservat illi Olvin Galea f'isem is-socjeta' konvenuta qalet illi l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi ssorvolata u ghalhekk din l-Qorti ma kkonsidratx din l-eccezzjoni ulterjorment.[1] Fl-istess sentenza, din il-Qorti cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u ordnat illi l-kaz jitkompli fuq il-mertu sabiex jigu konsiderati u decizi r-raba' u l-hames eccezzjoni;[2]

[1] Ara s-sentenza parzjali ta' dina l-Qorti ddatata 2 ta' Mejju 2011 a fol. 88-90 tal-process.
[2] Ara s-sentenza parzjali ta' dina l-Qorti ddatata 2 ta' Mejju 2011 a fol. 88-90 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti :

1. Is-socjeta’ attrici qed tippretendi illi s-socjeta’ konvenuta thallasha l-ammont kumplessiv ta’ sitt elef hames mija tmienja u sittin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€6568.74) rapprezentanti erba’ invoices (25734, 25735, 25736, u 27004) ghal merkanzija mibghuta Malta mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.
2. B’email tas-7 ta’ Jannar 2004, is-socjeta’ konvenuta rrikonoxxiet li kellha thallas l-ewwel tlett *invoices,* imma qalet li dan ma sarx minhabba problemi li l-istess socjeta konvenuta kellha mal-bankiera taghha u li meta dawn il-problemi jigu rizolti *« payment should be affected immediately. »*[3] Pero fl-istess email, is-socjeta konvenuta irrifjutat li thallas l-ahhar invoice, u cioe dik bin-numru 27004, li hija fl-ammont ta’ elfejn mitejn u tletin Euro (€2,230),[4] u dan ghaliex allegat illi l-merkanzija *« for some reason arrived very late to us and in turn our client lost the contract of sale of the items and consequently refused to pay us.* »[5]
3. Id-data mifthema ghal wasla tal-merkanzija imsemmija fl-invoice numru 27004, li fuqha hemm kwistjoni, kienet sebat’ ijiem wara tluq minn Hamburg, il-Germanja fis-16 ta’ Mejju 2003;[6]
4. Il-merkanzija waslet Malta fl-24 ta’ Mejju 2003[7] - u ghalhekk gurnata tard mill-gurnata miftiehma.

---

[3] Ara Dok SS5 a fol. 28 tal-process.
[4] Ara l-invoice bin-numru 27004 mmarkata bhala Dok SS 4 a fol. 27 tal-process.
[5] Ara l-email mibghuta mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici ddatata 7 ta’ Jannar 2004 u mmarkata bhala Dok SS 5a fol. 28 tal-process.
[6] Ara l-email mibghuta mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta ddatata 12 ta’ Mejju 2003 mmarkata bhala Dok SS 6 a fol. 29 tal-process.

5. Is-socjeta’ konvenuta accettat il-konsenja ta’ l-ghamara.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta’ dina l-Qorti**

Kif diga intqal, l-ewwel tlett eccezzjonijet tas-socjeta konvenuta gew decizi minn din l-Qorti permezz ta’ sentenza parzjali ddatata 2 ta’ Mejju 2011.[9] Ghalhekk, din is-sentenza hija limitata ghall-mertu tal-vertenza u ir-raba’ (4) u l-hames (5) eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

Fir-raba’ eccezzjoni taghha, is-socjeta konvenuta eccepiet li kull pendenza bejn il-partijiet ilha zmien li giet rizolta. Pero is-socjeta konvenuta, li fuqha kien jaqa’ l-obbligu li tipprova din l-eccezzjoni, ma gabet ebda prova f’dan is-sens, anzi mill-kumpless tal-provi jirrizulta l-kuntrarju.

Fil-hames eccezzjoni, is-socjeta’ konvenuta eccepiet illi s-socjeta’ attrici kkonsenjaw l-merkanzija b’mod tardiv u kawza ta’ dan il-klijent tas-socjeta’ konvenuta sofra danni. Gie ecceput ukoll illi kien hemm merkanzija li wasslet bi hsara fejn dana l-istess klijent tas-socjeta’ konvenuta rrifjuta li jhallas ghas-servizz ta’ nol. Din l-eccezzjoni tista’ biss titqies li qed tirreferi ghall-merkanzija fl-ahhar invoice u cioe dik bin-numru 27004, ghaliex kif intqal iktar il-fuq, is-socjeta konvenuta irrikonoxxiet id-debitu lejn is-socjeta attrici, hlief dak ta’ l-invoice 27004.

Mill-provi jirrizulta li l-merkanzija kontemplata fl-*invoice* 27004 waslet gurnata tard miz-zmien miftiehem. Is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda prova li l-klijent taghha sofra xi danni ghax il-merkanzija waslet gurnata tard, u wisq inqas ressqet provi li l-merkanzija wasslet bi hsara u li l-klijent taghha irrifjuta li jhallas ghas-servizz tan-noll. Fi kwalunkwe kaz, is-socjeta konvenuta ma resqet l-

[7] Ara x-xhieda ta’ Charles Farrugia a fol. 47 tal-process kif ukoll in-Notice of Arrival u d-Delivery Orders a fol. 51 u 52 tal-process rispettivament.
[8] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta’ Olvin Galea a fol. 85 tal-process.
[9] Ara s-sentenza parzjali ta’ dina l-Qorti ddatata 2 ta’ Mejju 2011 a fol. 88-90 tal-process.

ebda kontro-talba ghal dawn l-allegati danni. Ghall-kuntrarju mill-provi jirrizulta li s-socjeta konvenuta accettat il-konsenja tal-merkanzija.[10]

Ghaldaqstant, mill-provi prodotti, is-socjeta konvenuta m’ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ma thallasx ukoll l-ahhar invoice, u cioe dik bin-numru 27004.

**Konkluzjoni**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li tichad ir-raba’ (4) u l-hames (5) eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici, kif rapprezentata, is-somma ta’ sitt elef hames mija u tmienja u sittin Euro u erba’ u sebghin centezmu (€6568.74) – ekwivalenti ghas-somma ta’ elfejn tminn mija u dsatax il-Lira Maltija u sitta’ u disghin centezmu (Lm2819.96c), oltre l-imghax legali mit-28 ta’ Marzu 2006.

L-ispejjez kollha, komprizi dawk tas-sentenza preliminari fl-ismijiet premessi tat-2 ta’ Mejju 2011 u tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar, 2007, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta’ Olvin Galea a fol. 85 tal-process.